# Suldati Maltin

Għaddejjin,
Pass wieħed mexjin,
Suldati ta' Malta,
Suldati Maltin!

Fuq wiċċhom il-qilla
Ta' niesna l-qadima,
Jixhdilhom sidirhom
Tal-qawwa t-tilqima;

F'għajnejhom il-ħarsa
Bla biża', bla ħniena,
Il-ħarsa li tilma
Fuq wiċċ il-qalbiena.

Miktub hemm fuq ġbinhom,
Bi ħżuż ħamranin,
"Suldati ta' Malta,
Suldati Maltin!"

Ħalluhom ħa jgħaddu
Qawwija, henjin,
Imżejna b'dan l-isem
Imfaħħar f'kull ħin,

Li baqa' jissemma
Mal-ħarba tas-snin:
"Suldati ta' Malta,
Suldati Maltin"!

ĠORĠ PISANI